# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 5**

**Rikors numru 10/2007/1 AF**

**Mark Cassar**

**v.**

**Direttur tad-Dipartiment tal-Iżvilupp Rurali, Onorevoli Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, *Chairman* tal-Bord tal-Appell fid-Dipartiment fuq Imsemmi Bord, u l-Avukat Ġenerali, illum imsejjaħ l-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell tal-attur Mark Cassar, kif ukoll appell inċidentali tal-imħarrkin (minbarra l-Avukat tal-Istat), minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Ottubru 2018, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") li biha, u għar-raġunijiet li ġew

hemmhekk imfissra, ċaħdet it-talbiet kollha tal-attur, filwaqt li ordnat li l-ispejjeż tal-kawża, għandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet, bl-eċċezzjoni ta' dawk tal-Avukat Ġenerali li għandhom jintrefgħu kollha mill-attur. B'din l-istess sentenza ser ikun qiegħed jiġi wkoll deċiż appell minn digriet tal-Ewwel Qorti[1] li tressaq bħala parti mill-appell inċidentali, u li fih l-imħarrkin qegħdin jikkontestaw id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li biha laqgħet it-talba tal-attur kif imressqa b'rikors tiegħu tal-31 ta' Jannar, 2014[2], għall-ħatra ta' espert tekniku fil-kalligrafija;

2. L-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha fil-mertu billi għamlet dawn il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

> "*Ikkunsidrat illi din hija kawża għal stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv skont l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12).*
>
> *...omissis...*
>
> *Mill-provi prodotti jirriżulta li l-attur, li huwa bidwi fuq bażi full time, kien applika għal sussidju skont il-Programm ta' Fondi Strutturali għal Malta taħt il-Miżura 3.1 – Investiment fi Strutturi Agrikoli, li tqegħdu għad-disposizzjoni tal-Final Beneficiary, f'dan il-Każ id-Dipartment tal-Iżvilupp Rurali fi ħdan il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent. Dan il-Programm kien regolat permezz tal-manual of procedures relattiv. L-investiment li xtaq jagħmel l-attur kien jikkonsisti fil-kostruzzjoni ta' ġiebja għal ġbir tal-ilma tax-xita.*
>
> *Sabiex jikkwalifika għas-sussidju, kull applikant kellu jġib minimu ta' 200 punt. Il-kriterji li abbażi tagħhom l-applikanti kellhom jiġu allokati punti kienu spjegati fil-linji gwida li kull applikant ingħata mal-applikazzjoni tiegħu kif ukoll l-hekk imsejħa evaluation grid annessa mal-istess applikazzjoni li kienet timtela' mill-uffiċjali inkarigati sabiex jevalwaw l-applikazzjonijiet. Permezz ta' ittra datata 10 ta" Lulju 2006, l-attur ġie infurmat mid-Dipartiment tal-Iżvilupp Rurali li l-applikazzjoni tiegħu ma kwalifikatx għaliex ma ġabitx il-punteġġ meħtieġ u*

[1] Digriet mogħti fis-26 ta' Frar, 2014, f'paġna 553 tal-proċess.
[2] F'paġni 540 sa 542 tal-proċess.

*għaldaqstant, ma ntgħażlitx mill-Bord tal-Għażla sabiex tibbenefika mill-għajnuna tal-Unjoni Ewropea u tal-Gvern.*

*Peress li l-attur ħass ruħu aggravat b'din id-deċiżjoni, huwa interpona appell quddiem il-Bord tal-Appell imwaqqaf mid-Dipartiment tal-Iżvilupp Rurali għal dan il-għan permezz ta' ittra datata 21 ta' Lulju 2006. Fl-ittra tal-appell tiegħu huwa lmenta li kellu jingħata punti talli:*

*i. Il-binja tal-ġiebja kienet ser tippermettilu jinżamm fl-impjieg tiegħu ta' vitikulturista fuq bażi full time;*

*ii. Irrestawra u bena mill-ġdid ħitan tas-sejjieħ;*

*iii. Huwa membru tal-Għaqda Produtturi tal-Għeneb;*

*iv. Bl-użu tal-ilma tax-xita li kien ser jiġbor fil-ġiebja kien ser inaqqas l-użu tal-pestiċidi u l-fertilizzant; u*

*v. Bil-kostruzzjoni tal-ġiebja huwa kien ser jevita li jkollu juża makkinarju li jaħdem bl-elettriku u bid-diesel.*

*Permezz ta' ittra datata 4 ta' Awissu 2006, li jgħid li rċieva fl-14 ta' Settembru tal-istess sena, l-attur ġie infurmat illi l-appell tiegħu kien ġie miċħud. Dan għaliex il-Bord tal-Appell ħass illi fl-applikazzjoni tiegħu l-attur ma pprovdiex biżżejjed informazzjoni sabiex jissostanzja l-argument tiegħu li kellu jingħata l-punti għall-kriterji li semma fl-ittra tiegħu.*

*...omissis...*

*Fil-mertu, l-intimati jeċċepixxu li d-deċiżjoni meħuda kemm fl-ewwel stadju kif ukoll mill-Bord tal-Appell kienet skont il-linji gwida relattivi u li fl-istadju tal-appell il-preżenza tal-attur ma kienitx meħtieġa stante li huwa kien diġà għamel is-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub, permezz ta' liema sottomissjonijiet huwa kellu kull opportunità jispjega lill-Bord il-punto di vista tiegħu, kif fil-fatt għamel. Jeċċepixxu wkoll li l-Bord ħa in konsiderazzjoni dawn is-sottomissjonijiet u li għalhekk, id-deċiżjoni finali meħuda mill-Bord tal-Appell għandha tibqa' fis-seħħ.*

*Din il-Qorti ser tibda billi tiddikjara li mill-provi prodotti rriżultaw diversi irregolaritajiet fil-mod illi ġew evalwati l-applikazzjonijiet mill-uffiċjali inkarigati. Ir-riżultanzi tal-eżerċizzju li għamel l-espert kaligrafu huma inkwetanti ferm u l-Qorti ma tistax tasal għall-konklużjoni diversa minn dik tal-attur, u ċioè li wieħed mill-uffiċjali inkarigati mill-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet assista lil numru ta' applikanti. Dan stante li l-espert kaligrafu sab illi l-kitba fuq l-evaluation grids kienet l-istess bħal dik fuq numri ta' applikazzjonijiet. Il-Qorti tinnota wkoll illi Donald Aquilina, uffiċjal minnhom, wera ħafna inkonsistenzi fix-xhieda tiegħu meta mistoqsi dwar l-involviment tiegħu fl-evalwazzjoni tal-*

*applikazzjonijiet u f'waqtiet donnu jipprova jagħti impressjoni li l-involviment tiegħu kien ħafna inqas milli fil-fatt kien.*

*Il-Qorti tinnota wkoll illi kien hemm ukoll irregolaritajiet serji fil-mod illi ġew allokati l-punti lill-ċertu applikanti imma lill-attur le, kif ukoll in-nuqqas ta' verifiki dwar id-dikjarazzjonijiet li għamlu l-applikanti fl-applikazzjonijiet tagħhom. Il-Qorti hija mħassba wkoll dwar il-fatt illi l-attur ġie penalizzat għaliex ma pprovdiex informazzjoni li ma kienx jaf li kellu jipprovdi, għaliex ma ġiex mitlub, jew għaliex fl-applikazzjoni tiegħu m'użax il-kliem preċiż li kienu qegħdin ifittxu l-evalwaturi. Il-Qorti tesprimi d-dubji tagħha wkoll dwar il-fatt illi ma kienx is-selection committee li effettivament kien qiegħed jalloka l-punti u jevalwa l-applikazzjonijiet in kwistjoni imma dan sar minn żewġ uffiċjali, li flimkien kienu jiffurmaw l-hekk imsejjaħ evaluation committee, ħaġa din li l-manual of procedures ma kienx jaħseb għaliha, u aktar minn hekk, li wieħed minn dawn l-uffiċjali stess kien mela numru ta" applikazzjonijiet filwaqt li s-selection committee kien jispezzjona biss kampjun żgħir ta' applikazzjonijiet.*

*Minkejja dan kollu, il-Qorti hija marbuta strettament li tiddeċiedi fuq il-kawżali u t-talbiet kif proposti mill-attur fir-rikors ġuramentat. L-attur f'din il-kawża jilmenta biss dwar l-appell u l-allegat nuqqas ta' smiegħ xieraq. Huwa prinċipju stabbilit li fl-għoti ta' sentenza l-imħallef ċivili għandu joqgħod rigorożament fil-limiti tal-kontestazzjoni (Kollez. Vol. XLIX P 1 p 406). Fuq kollox huwa għandu joqgħod strettament għat-termini tal-kawżali u t-talba kif miġjuba fiċ-ċitazzjoni, illum rikors (Kollez. Vol. XXXIV P I p 85). Is-sentenza għalhekk trid tirrispekkja dik it-talba konsiderata fid-dawl tal-provi prodotti u tal-prinċipji tad-dritt applikabbli għalihom, tenut kont tal-eċċezzjonijiet sollevati mill-intimati. Fil-każ ta' Charles Grech et vs John Agius, deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-21 ta" April 2016 intqal:*

> *"Illi kif intqal "La causa dell'azione e` il fatto costitutivo del diritto al mutamento giuridico. La volonta` d'impugnare che si riferisce a una causa non si riferisce a un'altra (ne` e` lecito distinguere fra cause prossime o no)... il giudice che passa da una causa all'altra pronuncia ultra petita" (enfasi miżjuda mill-Qorti). Dan it-tagħlim għadu jgħodd sallum u huwa segwit mill Qrati tagħna: "Hu magħruf, u anke aċċettat, in linea ta' prinċipju ġenerali, illi n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jiġu deżunti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-proċeduri (Kollez. Vol XLII pI p86). Hi wkoll regola proċedurali, sostenuta mill-ġurisprudenza, illi l-kawżali tad-domanda ossija r-raġuni ġuridika tat-talba, oltre li għandha tiġi mfissra ċar u sewwa, ma tistax tiġi mibdula jew aġġunta u l-Qorti għandha toqgħod għat-talba kif tkun ġiet imfissra fl-att taċ-ċitazzjoni (Kollez. Vol. XXXIV pI p85). Dan b'mod li l-Qorti ma tistax tiddeciedi fuq xi dritt iehor li jkun jirrizulta, anke għaliex, kif ritenut, "mhux leċitu li l-kawża tiġi maqtugħa fuq kawżali differenti minn dik espressa fiċ-ċitazzjoni" (Kollez. Vol. XLVIII pII p777)."*

*L-attur mhuwiex jitlob lill-Qorti tissindika l-aġir ta' dawn l-uffiċċjali inkarigati mill-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet, imma speċifikament*

*dak tal-Bord tal-Appell, abbażi tar-raġunijiet li jagħti fir-rikors promotur. Tant huwa hekk illi t-talba tiegħu hija sabiex il-Qorti tannulla d-deċiżjoni tal-Bord u mhux il-proċess ta‟ evalwazzjoni. Minkejja li fis-sottomissjonijiet tiegħu huwa jgħid li "l-egħmil amministrattiv għalhekk li qed jilmenta minnu l-esponent huwa dak imwettaq mid-Dipartiment matul il-proċess sħiħ li finalment wassal għad-deċiżjoni finali meħuda mill-Bord tal-Appell‟ il-Qorti trid toqgħod strettament mal-parametri tal-azzjoni kif arġinata u isegwi għalhekk li ma tistax tilqa' t-talbiet tiegħu fuq kawżali differenti, u ċioè għaliex mill-provi rriżulta li l-aġir tal-evalwaturi kien tal-inqas dubjuż, jekk mhux għal kollox ultra vires.*

*Stabbilit dan kollu, imiss issa li tiġi trattata t-talba attriċi li d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell ittieħdet mingħajr ma l-attur ingħata smigħ xieraq jew opportunità jagħmel il-każ tiegħu, kif ipoggiha hu kienet diskriminatorja u ttieħdet bi ksur tal-liġi applikabbli.*

*L-attur jilmenta li ma ngħatax smigħ xieraq stante li l-Bord tal-Appell straħ fuq l-ilmenti li huwa ressaq bil-miktub mingħajr ma nżammet seduta sabiex hu jew l-avukat tiegħu jagħmlu sottomissjonijiet orali quddiem l-imsemmi Bord. Jirriżulta għalhekk illi l-attur qiegħed jgħid illi d-deċiżjoni tal-Bord ittieħdet bi ksur tal-prinċipju audi alteram partem.*

*In linea ta' prinċipju ġenerali, f'paġna 240 ta' Garner's Administrative Law ċitat fis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri fis-sentenza tagħha tad-29 ta‟ Frar 2008, fil-kawża fl-ismijiet Piju Attard et vs Kunsill Lokali tal-Munxar Ghawdex intqal hekk:*

> *"The audi alteram partem rule – the essence of which is that, in certain contexts, prior to a decision being taken in the exercise of statutory power which may adversely affect the interests of individuals, those individuals should be alerted to the fact of, and the reasons for, the impending decision or action, and be permitted reasonable opportunity to make representations."*

*Fis-sentenza A & J Ta' Miema Ltd vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, deċiża minn din il-Qorti (Sede Kostituzzjonali) diversament presjeduta fl-14 ta‟ Ottubru 2004, kien ippreċiżat li:*

> *"ovvjament, il-prinċipju audi alteram partem, ma jfissirx li l-parti milquta trid bil-fors tinstema', iżda li tingħata l-opportunità tressaq il-każ tagħha."*

*Fil-każ ta‟ Midi plc vs Awtorità dwar it-Trasport ta‟ Malta, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-16 ta' Novembru 2017 intqal li:*

> *"Dwar l-aħħar element dan jista' jvarja minn smiegħ veru u propju għal sempliċi stedina sabiex dak li jkun jagħti l-veduti tiegħu imqar bil-miktub. Il-forma ta' kif għandu jkun rispettat dan il-prinċipju titħalla għall-bon sens ta' min għandu jiddeċiedi."*

*Hekk ukoll, is-sentenza fl-ismijiet Said International Limited vs Bank Ċentrali ta' Malta deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-12 ta' Diċembru 2011 tgħid:*

> *"Il-prinċipju ta' audi alteram partem jirrikjedi li qabel ma tittieħed deċiżjoni amministrattiva fil-konfront ta' persuna, dan tal-aħħar mhux biss għandu jiġi mgħarraf iżda għandu jingħata l-opportunità li jgħid tiegħu, fuq kollox jingħata widen tassew għal dak li għandu xi jgħid, u fl-istess waqt jingħata l-opportunità li jiddefendi l-każ kif inhu xieraq."*

*Finalment, il-Qorti tagħmel riferenza għall-każ ta' Gourmet Company Limited vs Avukat Ġenerali tas-27 ta" Ġunju 2006, fejn din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk:*

> *"Mhux kull talba li ssir lil xi Qorti trid bil-fors tagħti lok għal trattazzjoni orali, u diment li kull parti tingħata l-istess opportunita` biex tressaq il-każ tagħha, ir-regoli ta` smigħ xieraq ikunu sodisfatti. Biex persuna tiġi "mismugħa", mhux meħtieġ li din tingħata dejjem u f`kull każ id-dritt li titkellem, basta li tingħata l-opportunita` li, b`xi mod, tikkomunika l-ħsiebijiet tagħha. Meta Qorti taqra dak li jkun kiteb parti biex jsostni l-punt tiegħu, hu kien qed jingħata smigħ xieraq. L-awtur S.A. de Smith fil-ktieb "Constitutional and Administrative Law", meta jitkellem fuq il-kontenut tar-regola 'audi alteram partem", jgħid (pag. 571):*
>
> *"If the oral hearing is held, it may have to be adjourned where injustice would otherwise arise; a party must not be taken by surprise, nor be deprived of a reasonable opportunity to prepare his case. <u>There is no fixed rule that the right to be heard means a right to be heard orally</u>; in some situations a case can be properly put in writing" (sottolinear ta" din il-Qorti)."*

*Applikati dawn il-prinċipji għall-kawża tal-lum, ma jistax jingħad li dan il-prinċipju ta' audi alteram partem ġie mittiefes għaliex fl-aħħar mill-aħħar ma jfissirx li bilfors irid ikun hemm dritt illi wieħed jitkellem. Huwa biżżejjed li wieħed jingħata l-opportunità li jippreżenta l-każ tiegħu. Fil-każ tal-lum, jirriżulta li l-attur ingħata l-opportunità li jressaq l-ilmenti tiegħu bil-miktub, liema lmenti ġew kollha kunsidrati mill-Bord u filfatt, fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord wieġeb għal kull wieħed minnhom.*

*L-attur imbagħad jilmenta li d-deċiżjoni tal-Bord kienet diskriminatorja fil-konfront tiegħu. Fil-kawża fl-ismijiet Francis Hili vs Chairman Bank of Valletta Limited et, deċiża mit-Tribunal għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji fit-22 ta" Novembru 2001, intqal li:*

> *"Hemm diskriminazzjoni meta persuni f'sitwazzjonijiet simili jiġu trattati b'mod differenti mingħajr ebda ġustifikazzjoni raġjonevoli u oġġettiva u fejn ma hemmx proporzjonalità raġjonevoli bejn il-mezzi u l-għan intenzjonat. Rikorrent irid jipprova li f'sitwazzjonijiet analogi rċieva trattament differenti, aktar favorevoli. Ir-rikorrent irid jipprova li hu ġie trattat b'mod inġust b'paragun ma' persuni oħra f'sitwazzjoni analoga. Jekk is-sitwazzjoni mhux analoga, ma hemmx l-obbligu ta' l-istat li jiġġustifika t-trattament differenti."*

*Fis-sottomissjonijiet tiegħu l-attur jorbot dan l-ilment mal-proċess ta' evalwazzjoni tal-applikazzjoni tiegħu. Din il-Qorti ttenni li għalkemm jista' jkun li huwa minnu li seħħet xi diskriminazzjoni fil-konfront tal-attur fl-istadju tal-evalwazzjoni tal-applikazzjoni, ma jirriżultax illi seħħet xi forma ta' diskriminazzjoni meta l-każ tiegħu wasal quddiem il-Bord.*

*Sabiex l-attur ikollu raġun fil-pretensjonijiet tiegħu kif imressqa fir-rikors promotur, irid jirriżulta li b'xi mod il-Bord tal-Appell aġixxa b'mod diskriminatorju. Naturalment, dan għaliex huwa qiegħed jilmenta mid-deċiżjoni tal-Bord u mhux ta' dawk l-uffiċjali li kienu inkarigati bl-evalwazzjoni jew is-selezzjoni tal-applikazzjonijiet. L-attur kellu juri li appellant fl-istess sitwazzjoni tiegħu ġie trattati b'mod differenti, għaliex inkella wieħed ma jistax jitkellem dwar aġir diskriminatorju tal-Bord. Issa fil-każ tal-lum, tista' tgħid li l-attur bil-kemm għamel riferenza għall-egħmil tal-Bord, wisq inqas wera li l-Bord mexa b'mod diskriminatorju fil-konfront tiegħu.*

*L-attur jallega wkoll illi d-deċiżjoni tal-Bord ittieħdet bi ksur tal-liġi applikabbli imma ma ġab l-ebda prova ta' dan. Fis-sottomissjonijiet tiegħu imbagħad, jgħid illi kien il-proċess ta' kif ġiet evalwata l-applikazzjoni tiegħu li kienet kontra l-liġi. Il-Qorti terġa' tgħid illi minkejja li dwar dan jista' jagħti l-każ illi l-attur għandu raġun, fil-kawża tal-lum l-attur ma talabx lill-Qorti tissindika l-egħmil tal-uffiċjali li evalwaw l-applikazzjonijiet u fl-egħmil tal-Bord tal-Appell, din il-Qorti ma ssib li kien hemm xejn ċensurabbli.*

*Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tillibera lill-Avukat Ġenerali mill-osservanza tal-ġudizzju, tiċħad it-talbiet attriċi.*

*Fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu kwantu għal nofs mill-attur u nofs mill-intimati b'dan illi l-attur għandu jħallas ukoll l-ispejjeż tal-Avukat Ġenerali stante li ġie mħarrek inutilmen.*";

3. L-attur (minn issa 'l hemm imsejjaħ "l-appellant") ma qabilx ma' din is-sentenza u għar-raġunijiet li fisser fir-rikors tal-appell imressaq minnu fit-23 ta' Ottubru 2018, talab lil din il-Qorti sabiex: "*tirriforma s-sentenza fl-ismijiet fuq premessi mogħtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Ottubru, 2018 billi tilqa' t-talbiet attriċi kollha bl-ispejjeż taż-żewġ*

*istanzi kontra l-intimati hawn appellati, eskluż għalhekk l-Avukat Ġenerali li m'huwiex qed isir appell kontra tiegħu*";

4. L-imħarrkin, għajr għall-Avukat Ġenerali, (minn issa 'l hemm imsejħin ukoll bħala "l-appellati" laqgħu għal dan kollu billi b'risposta tat-8 ta' Novembru, 2018, ressqu għadd ta' raġunijiet għalfejn jidhrilhom li l-appell ewlieni mhuwiex mistħoqq, filwaqt li nqdew bl-istess tweġiba sabiex ressqu appell inċidentali li bis-saħħa tiegħu, għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, talbu lil din il-Qorti sabiex: "*tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-Ewwel Onorabbli Qorti tas-26 ta' Frar 2014 u tiċħad it-talbiet tal-attur Mark Cassar kif dedotti fir-rikors tiegħu tal-31 ta' Jannar 2014, u konsegwentement tordna sabiex jitneħħew mill-atti proċesswali tal-kawża odjerna r-rapport preżentat minn Joseph Mallia, maħtur bħala espert kaligrafu u x-xhieda in eskussjoni li l-istess espert kien ta, kif ukoll tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-4 ta' Ottubru 2018 billi: a) tikkonfermaha f'dawk il-partijiet fejn illiberat lill-Avukat Ġenerali mill-osservanza tal-ġudizzju u ċaħdet it-talbiet attriċi; u b) tħassarha, tirrevokaha u tannullaha f'dawk il-partijiet fejn iddikjarat illi l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu kwantu għal nofs mill-attur u nofs mill-intimati u minflok tordna illi l-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġu mħallsa kollha mill-attur*";

5. Bi tweġiba mressqa fit-30 ta' Novembru, 2018, l-attur laqa' għall-appell inċidentali billi, għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, talab lil din il-Qorti sabiex tiċħad l-appell inċidentali bl-ispejjeż kontra l-appellati inċidentali;

6. Il-Qorti, wara li ħadet qies ta' dan kollu, semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet, kif ukoll rat l-atti kollha tal-kawża, hija issa f'qagħda li tgħaddi għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

7. B'din il-kawża l-appellant qiegħed ifittex it-tħassir ta' deċiżjoni tal-Bord tal-Appell fi ħdan id-Dipartiment tal-Iżvilupp Rurali fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, li kienet mgħarrfa lilu b'ittra tal-4 ta' Awwissu 2006, u dan fuq ix-xilja li t-tali deċiżjoni mhux talli ttieħdet mingħajr ma ngħata smigħ xieraq jew xi ċans sabiex iressaq il-każ tiegħu, iżda wkoll *"bi ksur tal-liġijiet applikabbli"* u b'diskriminazzjoni kontrih[3];

8. Fil-qosor, il-fatti li wasslu għal din it-tilwima huma dawn. B'ittra tal-10 ta' Awwissu 2006, id-Direttur imħarrek għarraf lill-attur li l-applikazzjoni tiegħu għall-għajnuna finanzjarja mill-'Programm ta' Fondi Strutturali għal Malta taħt Miżura 3.1', bl-isem ta' "*Investiment fi Strutturi Agrikoli*", ma

[3] Ara l-ewwel talba tar-rikors maħluf, f'paġna 2 tal-proċess.

kinitx intgħażlet mill-Bord tal-Għażla, u dan għaliex kif kien jidher mill-*grid* ta' evalwazzjoni mehmuża ma' dik l-istess ittra, huwa ma kienx irnexxielu jġib minn tal-inqas 200 punt li kienu meħtieġa sabiex jikkwalifika għal dik l-għajnuna[4]. F'dik l-ittra, l-attur kien mgħarraf li jekk ma kienx qiegħed jaqbel ma' dik id-deċiżjoni huwa seta' jappella "*bil-miktub*" fi żmien ħmistax-il ġurnata mid-data ta' dik l-ittra, u dan fl-indirizz muri fl-istess ittra[5]. Billi l-appellant ħassu aggravat li l-Bord tal-Għażla ma tahx biżżejjed punti biex jikkwalifika għas-sussidju li applika għalih, b'ittra datata 21 ta' Lulju, 2006, l-appellant kiteb lill-President tal-Bord tal-Appell (Miżura 3.1) li biha u għar-raġunijiet hemmhekk imsemmija talab li, flimkien mal-punti li ngħata mill-Bord tal-Għażla, kellhom jiżdiedu sebgħin (70) punt ieħor u semma fejn kellhom jingħatawlu[6]. Fl-aħħar ta' dik l-ittra huwa talab "*li għal laqgħa tal-Bord tal-Appell, jattendi miegħ[u] l-Avukat tiegħ[u], Dr. George Hyzler*"[7]. B'ittra datata 4 ta' Awwissu, 2006, l-attur ġie mgħarraf li wara li l-Bord tal-Appell irreveda l-applikazzjoni tiegħu, dak il-Bord deherlu li d-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla dwar iċ-ċaħda tal-applikazzjoni tiegħu għall-għajnuna mill-Programm ta' Fondi Strutturali għal Malta taħt Miżura 3.1, bl-isem ta' "*Investiment fi Strutturi Agrikoli*", kienet waħda ġusta, u li b'hekk dik id-deċiżjoni kienet issa "*waħda finali*"[8]. Flimkien ma' dik l-istess ittra, il-Bord hemeż ukoll dokument li fih ġew imfissra r-raġunijiet għalfejn wasal għall-konklużjoni li d-deċiżjoni tal-Bord

---

[4] Ara 'Dokument Ċ', mehmuż mar-rikors maħluf, f'paġna 34 tal-proċess.
[5] *Ibid*.
[6] Ara 'Dokument D', f'paġni 36 u 37 tal-proċess.
[7] *Ibid*.
[8] Ara 'Dokument E', f'paġna 38 tal-proċess.

tal-Għażla kienet siewja filwaqt li l-ilmenti tiegħu ma kinux mistħoqqa[9]. L-appellant ma qabel xejn mal-fatt li l-Bord tal-Appell qabad u ddeċieda l-appell tiegħu ħabta u sabta, mingħajr mank biss tah ċans li jidher quddiemu, u kemm għal din ir-raġuni kif ukoll għaliex huwa qies li dik id-deċiżjoni ttieħdet "*bi ksur tal-liġijiet applikabbli*" u b'diskriminazzjoni kontrih, fl-4 ta' Ottubru, 2006, huwa bagħat ittra uffiċjali lill-imħarrkin li biha wissiehom sabiex iħassru t-tali deċiżjoni "*minnufih u mingħajr ebda dewmien*", kif ukoll sabiex jersqu għal-likwidazzjoni tad-danni li qal li huwa 'sofra' minħabba dik id-deċiżjoni[10]. Billi l-imħarrkin m'għamlu xejn minn dak mitlub minnu, b'rikors maħluf tat-8 ta' Jannar, 2007, l-attur ressaq din il-kawża li permezz tagħha talab lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *"(i) Tiddikjara nulla u bla effett id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell fid-Dipartiment konvenut tal-4 ta' Awwissu 2006, lilu kkomunikat[a] bl-ittra fuq riferita u dan billi l-istess deċiżjoni ittieħdet mingħajr ma' l-attur ingħata smiegħ xieraq jew opportunità adegwata biex jagħmel il-każ tiegħu, kienet diskriminatorja fil-konfront tiegħu, u ttieħdet bi ksur tal-liġi applikabbli.*
>
> *(ii) Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali tal-4 ta' Ottubru 2006, u b'riserva tad-dritt għad-danni spettanti lill-attur*";

9. Wara li l-Ewwel Qorti qatgħet din it-tilwima billi ċaħdet għal kollox dawn it-talbiet, l-attur qiegħed issa jattakka dik is-sentenza fuq is-saħħa ta' **erba' aggravji** li fil-qosor ħafna huma dwar:

---

[9] Ara d-dokument imsejjah *"Raġunijiet għad-deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell",* f'paġni 39 u 40 tal-proċess.
[10] Ara 'Dokument F', f'paġna 41 tal-proċess.

(i) li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tifred l-istadju tal-evalwazzjoni mill-istadju tal-appell u li dik il-Qorti żbaljat meta qieset li t-talbiet tiegħu kienu jolqtu biss id-deċiżjoni mogħtija mill-Bord tal-Appell;

(ii) li l-Ewwel Qorti naqset milli twieżen sewwa jekk il-Bord tal-Appell ħaddimx il-prinċipju tal-*audi alteram partem* b'mod xieraq meta għażel li ma jagħtihx ċans li jidher quddiemu;

(iii) li l-Ewwel Qorti żbaljat meta qieset li l-Bord tal-Appelli ma aġixxiex b'mod diskriminatorju u llegali; u

(iv) li l-Ewwel Qorti kellha tħassar l-"egħmil amministrattiv" attakkat minnu u li dik il-Qorti kellha tikkundanna lill-appellati sabiex iħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża, għajr dawk tal-Avukat tal-Istat;

10. Kif rajna aktar kmieni, l-imħarrkin lanqas ma qablu għal kollox mas-sentenza appellata, u filwaqt li qed iressqu aggravju minn dik is-sentenza dwar il-kap tal-ispejjeż, qed jappellaw ukoll mid-digriet tal-Ewwel Qorti tas-26 ta' Frar 2014[11] li bih dik il-Qorti laqgħet it-talba tal-attur għall-ħatra ta' espert fil-kalligrafija u dan sabiex iwettaq dak kollu mitlub fir-rikors tal-istess attur tal-31 ta' Jannar 2014[12];

11. Minħabba x-xorta tal-aggravji li tqajmu, il-Qorti jidhrilha li jkun l-aktar xieraq billi tibda tistħarreġ l-aggravji li qed jitressqu fl-appell ewlieni u dan fl-istess ordni li tressqu mill-attur;

[11] F'paġna 553 tal-proċess.
[12] Ara r-rikors tal-attur għall-ħatra ta' espert tekniku fil-kalligrafija f'paġni 540 sa 542 tal-proċess.

12. Fl-**<u>ewwel aggravju tal-appell ewlieni</u>**, l-attur jibda billi jilmenta li l-Ewwel Qorti żbaljat meta qieset li t-talbiet tiegħu ma kinux jolqtu l-proċess kollu tal-evalwazzjoni, u li minflok huma biss dwar id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell. Ifisser li, għalkemm fit-talbiet tissemma d-deċiżjoni meħuda mill-Bord tal-Appell, il-proċess tal-evalwazzjoni li wassal għal dik id-deċiżjoni "*kien wieħed u uniku*" li, sa fejn kellu x'jaqsam miegħu, twieled mal-mument li fih tefa' l-applikazzjoni għas-sussidju, u ntemm hekk kif irċieva d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell. Jargumenta li f'kull stadju tal-proċess tal-evalwazzjoni kien hemm l-involviment dirett tad-Direttur imħarrek, u dan billi l-persuni u l-membri kollha li kellhom xi sehem f'dan il-proċess intgħażlu kollha minn dak id-Direttur. Ifakkar li meta ġie biex jixhed, l-istess Direttur fisser li wara l-parti tal-proċess ta' evalwazzjoni li twettqet mill-kumitat tal-għażla, "*jiġi ppublikat riżultat proviżorju*" u "*mbagħad jinħatar Bord tal-Appell*". Jissottomettu li dan ifisser li l-proċess tal-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet kollha kien meqjus bħala proċess waħdieni u li ma kienx jitqies mitmum jew finali qabel ma jgħaddi mill-fażi tal-appell. F'dan is-sens, jirreferi għall-ittri li rċieva fl-10 ta' Lulju, 2006 u fl-4 ta' Awwissu 2006 rispettivament u, filwaqt li jiġbed l-attenzjoni li dawk l-ittri ntbagħtu t-tnejn fuq il-'*letterhead*' tal-istess Dipartiment, josserva li filwaqt li l-ewwel ittra tispiċċa bil-frażi "*filwaqt li d-Dipartiment jirringrazzjak ta' l-interess li urejt f'din l-iskema*", fit-tieni ittra tal-4 ta' Awwissu, din il-frażi żdiedet biex taqra: "*filwaqt li d-Dipartiment jirringrazzjak ta' l-interess*

*li urejt f'din l-iskema, ngħarrfek li din id-deċiżjoni hija waħda finali*". Fuq is-saħħa t'hekk, l-appellant jargumenta li l-iskema kienet waħda, il-proċess kien wieħed, min ikkontrolla l-iskema u l-proċess relattiv kien ukoll wieħed, u li "*fuq kollox id-deċiżjoni kienet waħda*". Filwaqt li jgħid li dan kollu huwa rifless fl-għażla ta' min qies li għandu jħarrek f'din il-kawża, jinsisti li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tagħmel distinzjoni bejn l-istadju tal-evalwazzjoni u dak tal-appell, għaliex il-proċess kien wieħed u l-irregolaritajiet li seħħew, indipendentement f'liema parti tal-proċess seħħew, għandhom iwasslu għan-nullità tal-proċess kollu;

13. Il-Qorti ma tistax taqbel ma' dan l-aggravju. Kif qalet sewwa l-Ewwel Qorti, il-Qrati Superjuri huma marbuta li jimxu mal-kawżali u mat-talbiet kif imniżżla fir-rikors maħluf li bih titnieda l-kawża. Jekk it-talbiet ikunu mfassla fuq xi kawżali partikolari, ir-rikorrent ma jistax jistenna lill-Qorti li tinvestiga 'lil hinn minn dik il-kawżali'[13]. Ġie tabilħaqq imtenni kemm-il darba minn din il-Qorti li l-kawżali hekk kif imfissra fir-rikors maħluf ma tistax tiġi mibdula matul it-trattazzjoni tal-kawża[14] u li kieku l-Qorti ma toqgħodx fil-limiti ta' dak li jkun ġie mitlub, is-sentenza mogħtija tkun milquta bil-vizzju tal-*ultra* jew l-*extra petita*[15]. F'każ ta' kawżali mhux

[13] Ara ***World Marketing Services limited v. Lift Services Limited,*** deċiża minn din il-Qorti fis-**26 ta' Jannar 2022**, (App. Ċiv. 595/2002/1), u ***Joseph Mary Farrell v Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud***, deċiża minn din il-Qorti fl-**24 ta' Ġunju, 2011**. (App. Ċiv. 156/2010/1).

[14] Ara ***Green Dot Malta Limited v. L-Awtorità Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar et.*** deċiża minn din il-Qorti fis-**17 ta' Frar, 2022**, (App. Ċiv. 387/2011/1).

[15] Ara ***L-Avukat Dr. Marlon Borġ noe. v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku,*** deċiża minn din il-Qorti fit-**12 ta' Lulju, 2023**, (App. Ċiv. 452/2021/1) u ***Raymond Caruana et. v. Conrad Pace,*** deċiża minn din il-Qorti fis-**27 ta' April 2023**, (App. Ċiv. 207/2015/1).

ċara, wieħed jista' jirrimedja, però l-Qorti ma tistax tbiddel talba speċifika b'oħra[16]. Huwa sewwasew għalhekk li din il-Qorti mhux l-ewwel darba saħqet fuq il-ħtieġa li l-att promotur jitfassal b'attenzjoni u reqqa[17];

14. Fil-każ tal-lum, it-talba li tnizzlet fir-rikors maħluf li bih l-appellant fetaħ il-kawża hija ċara daqs il-kristall, u dak li ntalab mill-attur f'din il-kawża huwa li l-Qorti: "***tiddikjara nulla u bla effett <u>id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell fid-Dipartiment konvenut tal-4 ta' Awwissu 2006</u>, lilu kkomunikata b'ittra fuq riferita <u>u dan billi l-istess deċiżjoni ittieħdet</u> mingħajr ma' l-attur ingħata smigħ xieraq, jew opportunità adegwata biex jagħmel il-każ tiegħu, kienet diskriminatorja fil-konfront tiegħu, u ttieħdet bi ksur tal-liġi applikabbli***". Bħall-Ewwel Qorti qabilha, din il-Qorti ma tistax taqbel mal-attur li din it-talba tolqot il-proċess sħiħ tal-evalwazzjoni u mhux biss id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell. Ġaladarba l-appellant għażel li jitlob it-tħassir tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-4 ta' Awwissu, 2006 biss, la l-Ewwel Qorti u lanqas din il-Qorti ma tista' tordna t-tħassir tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla kif mgħarrfa lill-appellant b'ittra tal-10 ta' Lulju 2006. Dak li l-appellant seta' u għadu jista' jikseb b'din il-kawża huwa biss l-istħarriġ mill-ġdid tal-appell tiegħu tal-21 ta' Lulju, 2006 quddiem il-Bord tal-Appell, u mhux għall-evalwazzjoni mill-ġdid tal-applikazzjoni tiegħu mill-Bord tal-Għażla. Jekk kien hemm xi ħadd li

---

[16] Ara ***Joanne Fenech v. Mario u Carmen konjuġi Laganà*** deċiża minn din il-Qorti fis-**26 ta' Marzu, 2010** (App. Ċiv. 725/2003/2).
[17] Ara ***Emanuel Farruġia v. Anthony Borġ pro. et. noe.***, deċiża minn din il-Qorti fit-**30 ta' Ġunju, 2021** (App. Ċiv. 293/2006/1).

għamel differenza bejn il-proċess tal-evalwazzjoni u l-proċess tal-appell, kien għalhekk l-appellant innifsu u mhux l-Ewwel Qorti! L-appellant ma jistax issa jwikki n-nuqqasijiet tiegħu fuq l-Ewwel Qorti u jippretendi li dik il-Qorti kellha tmur 'lil hinn minn dak li oriġinarjament talab' billi tħassar il-proċess tal-evalwazzjoni kollu kemm hu. Daqskemm li l-appellant kien ħieles li jfassal ir-rikors maħluf bil-mod ta' kif għoġbu jfasslu, daqstant ieħor għandu issa jerfa' r-responsabbiltà u l-konsegwenzi ta' dik l-għażla[18];

15. F'kull każ, din il-Qorti lanqas ma tista' taqbel mal-appellant meta qed jgħid li l-proċess tal-evalwazzjoni u l-appell kienu ħaġa waħda u d-deċiżjoni kienet waħda. Minbarra li d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell ittieħdet minn nies li kienu għal kollox differenti minn dawk li kienu jiffurmaw il-Bord tal-Għażla[19], f'kull każ, xogħol il-Bord tal-Appell ma jidhirx li kien li jqis mill-ġdid l-applikazzjoni tal-appellant, iżda biss li jirrevedi d-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla, u dan skont kif mitlub mill-appellant[20]. Dan ifisser li filwaqt li d-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla kienet dwar it-talba tal-appellant għas-sussidju, id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell kienet dwar l-ilmenti tal-applikant mid-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla u l-

---

[18] Ara ***Arthur Xuereb v. Silvio Borġ et.*** deċiża minn din il-Qorti fil-**25 ta' Ġunju, 2019**, (App. Ċiv. 561/2014/2).

[19] Ara l-kontroeżami ta' Tony Meli, f'paġna 550 tal-proċess. Ara wkoll l-ittra ta' Tony Meli tat-2 ta' Ġunju 2005, bit-titolu ta' *"Setting up of an Appeals Committee for Measures 3.1 and 3.2",* f'paġna 340 tal-proċess, u taqsima 3.9 tal-*'Manual of Procedures',* fuq wara ta' paġna 224 tal-proċess.

[20] Ara 'Dokument E' f'paġna 38 tal-proċess u b'mod partikolari l-konsiderazzjonijiet li ngħataw fid-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell, f'paġni 39 u 40 tal-proċess.

punteġġ assenjat lilu. Fih innifsu l-istadju ta' reviżjoni ma jistax jitqabbel mal-istadju tal-evalwazzjoni, u għalhekk ma jistax jintqal li d-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla u dik tal-Bord tal-Appell kienet "*waħda*" jew inkella kienet tikkonsisti f'xi proċess waħdieni;

16. B'żieda ma' dan, il-Qorti tqis li l-appellant lanqas m'għandu raġun meta jgħid li l-proċess tal-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet ma kienx jitqies mitmum jew finali qabel ma jgħaddi mill-fażi tal-appell. Kuntrarjament għall-impressjoni li qed jipprova jagħti l-appellant, il-proċess ta' reviżjoni quddiem il-Bord tal-Appell ma kienx xi wieħed awtomatiku u kien jiskatta biss fuq inizjattiva tal-applikant. Kemm hu hekk li kieku l-attur ma appellax mid-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla fi żmien ħmistax-il jum mid-data tal-ittra tal-10 ta' Lulju, 2006, li kienet iġġib it-titolu "*Riżultat tal-Miżura 3.1: Investiment fi Strutturi Agrikoli – <u>Deċiżjonijiet Finali Mill-Bord tal-Għażla</u>*"[21], il-Bord tal-Appell ma kienx ser jidħol fix-xena, u l-proċess ta' reviżjoni ma kienx ser jiskatta[22];

17. Tħares minn fejn tħares, il-fażi quddiem il-Bord tal-Appell hija xort'oħra mill-fażi tal-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet quddiem il-Bord tal-Għażla u għalhekk l-ewwel aggravju tal-appell ewlieni ma jirriżultax li huwa mistħoqq, u b'hekk qiegħed jiġi <u>miċħud</u>;

[21] Ara 'Dokument Ċ', f'paġna 34 tal-proċess.
[22] *Ibid*.

18. Fit-**tieni aggravju tal-appell ewlieni** l-appellant qiegħed imbagħad jilmenta minn dik il-parti tas-sentenza appellata li fiha twarrab l-ilment tiegħu dwar il-mod li bih il-Bord tal-Appell għadda għad-deċiżjoni mingħajr mank biss tah ċans li jidher quddiemu. Filwaqt li jirreferi għall-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti li l-parti milquta mhux bilfors trid tinstema' sabiex tkun ingħatat smigħ xieraq, jisħaq li hemm każijiet li ħaqqhom li jingħataw 'smigħ veru u propju'. Jargumenta li l-Ewwel Qorti kellha tmur lil hinn mill-fatturi li fuqhom huwa msejjes il-prinċipju tal-'*audi alteram partem*' u dan billi kellha twieżen jekk, fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, il-Bord tal-Appell kienx qiegħed tabilħaqq iħaddem sewwa l-prinċipju tal-*audi alteram partem* meta għażel li ma jagħtihx l-opportunità li jidher quddiemu personalment waqt smigħ. F'dan is-sens, jirreferi għax-xhieda ta' Ronald Mizzi tat-28 ta' Jannar 2013, u jilmenta li l-Ewwel Qorti lanqas biss ma qieset 'il-fatt kruċjali' li l-Bord tal-Appell kien jikkomunika ma' Donald Aquilina u ma' dak ix-xhud sabiex iġib mingħandhom xi verifiki dwar l-applikazzjonijiet li jkunu qegħdin jiġu mistħarrġa minnhom, u dan f'ċirkustanzi li fihom il-Bord tal-Appell mank biss ma kien jinforma lill-appellant b'dak illi dawk il-persuni kienu qegħdin jgħarrfu lill-istess Bord. Ifakkar li l-partijiet quddiem il-Bord tal-Appell kienu min-naħa l-waħda l-persuni li finalment kienu responsabbli għall-evalwazzjoni, filwaqt li min-naħa l-oħra l-applikanti li jkunu ħassewhom aggravati mid-deċiżjoni tal-evalwaturi, u għalhekk il-Bord ma setax jikkomunika ma' parti minn wara dahar il-parti l-oħra. Skont l-appellant, smigħ bil-preżenza ta' kull parti

kienet tippermettilu li jkun jaf x'kienet qed tgħid il-parti l-oħra, u f'dan is-sens jilmenta li huwa ġie mċaħħad minn dik il-possibbiltà minkejja li talab li jkun preżenti għal-laqgħa mal-Bord flimkien mal-avukat tal-fiduċja tiegħu;

19. B'rabta mat-tieni aggravju, l-appellant iżid li l-proċedura mħaddma mill-Bord tal-Appell ma kienet xejn għajr dik ta' '*rubber stamping*' u dan billi huwa ma ngħatax l-opportunità sabiex jifhem fuq liema bażi huwa ġie mċaħħad minn ċertu punti li jgħid li ngħataw lil ħaddieħor, u li jindirizza u jirrispondi għall-aġir tal-evalwaturi. Ifakkar li l-manwal tal-proċeduri tal-iskema ma kienx jipprovdi għal xi proċedura speċifika li kellha titħaddem mill-Bord tal-Appell, u f'dan is-sens jirreferi għall-ġurisprudenza biex jargumenta li l-prinċipji tal-ġustizzja naturali għandhom jiġu mħarsa dejjem u dan irrispettivament minn jekk ikunx hemm xi dispożizzjoni espressa dwar dan. Jagħlaq imbagħad billi jirreferi għall-ġurisprudenza li fiha jingħad li l-prinċipju tal-*audi alteram partem* jitlob li, fost l-oħrajn, wieħed għandu jingħata ċ-ċans li jiddefendi l-każ tiegħu kif inhu xieraq, u f'dan il-kuntest itenni li l-proċedura mħaddma mill-Bord tal-Appell kompliet tneżża' l-proċess mill-element ta' trasparenza u tippermetti l-abbuż;

20. Il-Qorti wara li qieset dawn l-ilmenti fid-dawl tal-provi kollha li hemm fl-atti tibda biex tgħid li taqbel mal-appellant li, għalkemm il-manwal tal-

proċeduri tal-iskema ma kienx jaħseb għal xi proċedura partikolari li kellha tiġi mħaddma mill-Bord tal-Appell[23], dak il-Bord kien xorta waħda marbut li jħares bir-reqqa l-prinċipji kollha ta' ħaqq naturali, li fosthom dak tal-*audi alteram partem* huwa ewlieni[24]. Kif ġie mfisser f'bosta sentenzi dwar dan is-suġġett, il-prinċipju tal-*audi alteram partem* jitlob li kull awtorità li hija mogħnija b'xi setgħa li tagħti xi deċiżjoni għandha tagħti widen lil kull min ikun talab mingħandha dik id-deċiżjoni, u li dan tagħmlu qabel ma tasal biex tiddeċiedi[25]. Min-naħa l-oħra, il-frażi "*tagħti widen*" m'għandiex però tinftiehem fis-sens letterali u, skont il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, tfisser li l-parti milquta għandha tingħata ċ-ċans li tressaq il-każ tagħha[26]. Sabiex persuna tingħata ċ-ċans li tressaq il-każ tagħha, m'hemmx bilfors il-ħtieġa li dik il-parti tingħata smigħ b'mod fiżiku[27], u daqskemm persuna tista' tressaq il-każ tagħha bil-fomm, daqstant ieħor tista' tressaq il-każ tagħha b'mod tajjeb bil-kitba[28]. Naturalment, kemm parti tista' tassew tressaq il-każ tagħha bil-kitba jiddependi għal kollox miċ-ċirkustanzi tal-każ, u sa dan il-punt il-Qorti taqbel mal-appellant li l-

---

[23] Ara taqsima 3.9 tal-manwal tal-proċeduri, f'paġni 224 u 225 tal-proċess.

[24] Ara ***Il-Perit u Arkitett Ċivili Edward Scerri v. Andrè Pizzuto noe.*** deċiża minn din il-Qorti fit-**12 ta' Lulju, 2023,** u l-ġurisprudenza hemm imsemmija, (App. Ċiv. 385/2022/1).

[25] Ara fost ħafna sentenzi oħrajn is-sentenza fil-kawża fl-ismijiet ta' ***Romina Delicata Mohnani v. Kummissarju tal-Artijiet et.*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-**16 ta' Diċembru, 2015** (Rik. Nru 957/2010JRM) (mhux appellata).

[26] Ara f'dan is-sens ***Terry Muscat v Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku***, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-**14 ta' Jannar, 2021** (Rik. Nru. 784/2019MCH) (mhux appellata). Ara wkoll ***Kevin Falzon v. Il-Prim Ministru u l-Kummissarju tal-Pulizija,*** deċiża minn din il-Qorti fis-**6 ta' Lulju, 2007** (App. Ċiv. 276/2000/1); u ***Dr. Joseph Cachia Fearne v. Segretarju Permanenti fil-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura et.*** ikkonfermata minn din il-Qorti fil-**14 ta' Lulju, 2008** (App. Ċiv. 106/2003/1TM).

[27] *Ibid.* Ara wkoll f'dan is-sens: ***Gourmet Company Limited v. Avukat Ġenerali***, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-**27 ta' Ġunju, 2006** (Rik. 58/2005TM) (mhux appellata), u Dr. Tonio Borg, ***'Maltese Administrative Law',*** ippubblikat minn Kite Publishers, l-ewwel edizzjoni (2021), f'paġna 174.

[28] Ara ***Alexander Gusey v. Aġenzija Identità Malta,*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri), fit-**23 ta' Frar, 2022** (App. 91/2021/1) §11.

Ewwel Qorti kellha tgħaddi biex tistħarreġ iċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ tiegħu qabel ma twarrab l-ilmenti tiegħu fuq ir-raġuni li huwa ngħata ċans li jressaq l-ilmenti tiegħu bil-miktub, u li dawk l-ilmenti ġew meqjusa mill-Bord qabel għadda għad-deċiżjoni attakkata;

21. Issa li ngħad dan, il-Qorti xorta waħda però ma jidhrilhiex li f'dan il-każ kien hemm xi ċirkustanzi partikolari li kellhom iwasslu lill-Bord tal-Appell sabiex jagħti smigħ qabel ma jgħaddi għad-deċiżjoni tiegħu dwar l-appell tal-attur. Fl-ewwel lok, jibda billi jiġi osservat li fl-ittra tal-appell tal-21 ta' Lulju, 2006, l-appellant illimita ruħu billi ressaq biss għadd ta' sottomissjonijiet għalfejn huwa kellu jingħata l-punti massimi f'ċertu kriterji[29]. F'dik l-ittra l-appellant la hemeż xi dokumenti u wisq inqas ta lill-Bord xi ħjiel li huwa xtaq li jressaq xi xhieda, bħall-pereżempju l-membri tal-Bord tal-Għażla sabiex ifissrulu aħjar ir-raġunijiet għalfejn ma tawhx il-punti massimi f'ċertu kriterji li deherlu li kien ħaqqu li jingħatawlu. L-appellant lanqas ma talab il-produzzjoni ta' xi dokumenti jew inkella xi kjarifika mid-Dipartiment, u mank irriżerva 'd-dritt' li jressaq xi provi sabiex jissustanzja l-aggravji tiegħu. Kif ġiet imfassla l-ittra, kif ukoll mix-xorta tal-aggravji li qajjem, il-Bord tal-Appelli ma kellu l-ebda raġuni għalfejn ma setax jasal għad-deċiżjoni li wasal għaliha u dan mingħajr ma jagħti smigħ fiżiku lill-appellant. Imbilli l-appellant niżżel li "*[n]itlob ukoll li għall-laqgħa tal-Bord tal-Appell, jattendi miegħi l-Avukat tiegħi, Dr.*

[29] Ara l-ittra tal-appell tal-attur, 'Dok D', f'paġni 36 u 37 tal-proċess.

*George Hyzler*"[30] ma jfissirx li dak il-Bord kien b'xi mod jew ieħor marbut li jiffissa seduta għat-trattazzjoni, u dan aktar u aktar meta kemm fil-linji-gwida tal-iskema[31] u kif ukoll fl-ittra li biha l-appellant ġie mgħarraf bir-riżultat, tniżżel li l-appell kellu jsir "*bil-miktub*"[32]. Jekk l-appellant ried li tiġi ffissata seduta għas-smigħ, kellu jlaħħam it-talba tiegħu, u mhux jippretendi li jingħata smigħ mingħajr ma jagħti l-ebda raġuni wara dik it-talba. Fuq kollox, anke meta ġie biex jixhed f'din il-kawża, għalkemm l-appellant stqarr li huwa ħass li l-preżenza tiegħu flimkien mal-avukat "*kienet tkun importanti għal laqgħa tal-bord*"[33], madanakollu huwa naqas milli jfisser sewwa għalfejn ħass hekk, billi pereżempju jgħid li xtaq iressaq xi provi partikolari, jew inkella li jitlob xi ċertu tagħrif[34]. Żgur li mhijiex skuża li l-appellant ma setax ikun eżawrjenti fir-rikors tal-appell[35] u dan għaliex ix-xorta ta' aggravji li ressaq kienu kollha b'tali mod li setgħu jitfissru tajjeb biżżejjed bil-kitba, kif ukoll sostnuti bi provi dokumentarji li l-appellant seta' faċilment kellu f'idejh;

22. Fit-tieni lok, u sa fejn imbagħad l-appellant qiegħed jilmenta li l-Bord tal-Appell kasbarlu l-jedd ta' smigħ xieraq billi kkomunika mal-evalwaturi, u dan mingħajr ma għarrfu b'hekk, il-Qorti tqis li l-appellant

---

[30] Id.
[31] Ara l-linji gwida tal-iskema maħruġa mill-Ministeru għall-Ambjent u l-Affarijiet Rurali, 'Dok A', f'paġna 15 tal-proċess.
[32] Ara l-ittra tal-10 ta' Lulju, 2006, 'Dok Ċ', f'paġna 34 tal-proċess.
[33] Estratt meħud mix-xhieda ta' Mark Cassar, mogħtija fis-seduta tad-19 ta' Frar 2008 f'paġna 79 tal-proċess.
[34] Ara x-xhieda ta' Mark Cassar, mogħtija fis-seduta tad-19 ta' Frar 2008 kif ukoll il-kontroeżami tal-istess Mark Cassar, li sar waqt is-seduta tas-17 ta' Lulju 2013, f'paġni 79 u 488 tal-proċess, rispettivament.
[35] Ara l-kontroeżami ta' Mark Cassar, f'paġna 488 tal-proċess.

ma rnexxielux jipprova dak li qed jallega sal-grad meħtieġ bil-liġi. Filwaqt li huwa minnu li Ronald Mizzi xehed li l-Bord tal-Appelli "*ġieli kien jitlobhom xi verifiki*", madanakollu, l-istess xhud għamilha ċara li ma kienx jaf jekk dan kienx ġara fil-każ speċifiku tal-attur[36]. F'ċirkustanzi bħal dawn, il-Qorti jidhrilha li l-attur ma jistax jistrieħ fuq ix-xhieda ta' Mizzi biex jargumenta li, fil-każ tiegħu, il-Bord kien ikkomunika ma' Mizzi jew ma' Aquilina minn wara dahru. Dan aktar w aktar meta minkejja li wara x-xhieda ta' Mizzi, l-attur reġa' kellu ċ-ċans li jagħmel bosta mistoqsijiet lil Donald Aquilina[37], l-attur naqas għal kollox milli jistaqsi lil Aquilina dwar dan il-punt, u sewwasew jekk fil-każ tiegħu, il-Bord tal-Appell kienx talbu xi informazzjoni jew verifiki. Fuq kollox, minkejja li l-appellant niżżel fuq il-lista ta' xhieda lil dawk l-individwi li poġġew fuq il-Bord tal-Appell[38], l-appellant lanqas biss indenja li jressaqhom bħala xhieda sabiex tal-inqas jikkonfrontahom bix-xhieda ta' Mizzi u jistaqsihom dwar x'kienu għamlu fil-każ tiegħu. Ma jistax għalhekk jingħad li ntwera li, fil-każ tal-appellant, il-Bord tal-Appelli kkomunika mal-evalwaturi minn wara dahru;

23. Fl-aħħar u mhux l-inqas, ma jistax jitħalla barra l-fatt li mid-dokument li nhemeż flimkien mal-ittra tal-Bord tal-Appell tal-4 ta' Awwissu, 2006, u msemmi bħala "*Raġunijiet għad-Deċiżjoni tal-Bord tal-*

[36] Ara x-xhieda ta' Ronald Mizzi mogħtija waqt is-seduta tat-28 ta' Jannar 2013, f'paġna 353 tal-proċess.
[37] Ara t-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Donald Aquilina mogħtija waqt is-seduta tat-2 ta' Diċembru 2015, f'paġni 635 sa 638 tal-proċess.
[38] Ara l-lista ta' xhieda f'paġna 4 tal-proċess.

*Appell*"[39], jidher ċar li dak il-Bord wasal għad-deċiżjoni tiegħu wara li għamel stħarriġ xieraq tal-ilmenti tal-appellant, hekk kif ġew imressqa fl-ittra tiegħu tal-appell tal-21 ta' Lulju, 2006. Kemm hu hekk fit-taqsima msemmija bħala "*Noti oħra*", il-Bord niżżel bosta konsiderazzjonijiet li jidhru li huma speċifiċi għall-aggravji mfissra mill-appellant. Jaqbilx magħhom jew le, dawk il-konsiderazzjonijiet juru li l-Bord kien tassew "*ta' widen*" lill-appellant għall-ilmenti tiegħu;

24. It-tieni aggravju tal-appell ewlieni qiegħed għalhekk jiġi wkoll miċħud;

25. Fit-**tielet aggravju tal-appell ewlieni** l-appellant imbagħad jgħaddi biex jikkritika dik il-parti tas-sentenza appellata li fiha ma nstabx li l-Bord tal-Appell mexa miegħu b'mod diskriminatorju u llegali. F'dan is-sens, jirreferi għall-kummenti tal-Ewwel Qorti li f'xi drabi huwa kellu jingħata ċertu punti li fil-fatt ma ngħatawlux, u jisħaq li huwa ressaq biżżejjed provi u sottomissjonijiet li juru kif huwa ġie mċaħħad b'mod inġust u diskriminatorju minn xejn anqas minn ħamsa u erbgħin (45) punt li huma marbuta mat-taqsimiet (2.1)(e), (2.6) u (3.5/3.5b), biex b'hekk huwa kellu jtella' b'kollox mitejn u għoxrin (220) punt u b'hekk jikkwalifika għas-sussidju. F'dan il-qafas, jargumenta li hekk kif il-Bord tal-Appell ikkonferma d-deċiżjoni meħuda mill-evalwaturi, dak il-Bord kien qiegħed

[39] F'paġni 39 u 40 tal-proċess.

'awtomatikament jaġixxi b'mod diskriminatorju u illegali' u jissottometti li l-ewwel Qorti kellha tieħu qies ta' dan hekk kif kienet qed tikkunsidra jekk il-Bord tal-Appell mexiex miegħu b'mod diskriminatarju jew illegali. Għal darb'oħra, jgħid li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tifred il-fażi tal-evalwazzjoni minn dik tal-appell u dan għaliex, fi kliemu, "*il-bażi tat-tnejn kienet propju l-evaluation grid*". Jissottometti li l-istampa li toħroġ mill-ġabra ta' provi hija li l-Bord tal-Għażla mar kontra r-regola tad-deheb li jimxi b'mod trasparenti u l-istess ma' kulħadd, u f'dan is-sens jirreferi għal bosta rregolaritajiet li jgħid li rriżultaw matul il-proċess kollu u b'mod partikolari fil-proċess tal-evalwazzjoni;

26. Il-Qorti, wara li qieset l-ilmenti kollha tal-appellant fid-dawl ta' dak kollu li hemm fl-atti, kif ukoll fil-qafas ta' dak li ntqal fis-sentenza appellata, jidhrilha li l-ebda wieħed mill-argumenti li l-appellant iressaq f'dan l-aggravju ma jista' jkun, b'xi mod jew ieħor, ta' fejda għalih. Kif diġà ġie mfisser aktar kmieni fil-qafas tal-ewwel aggravju, f'din il-kawża l-appellant għażel li jillimita t-talba finali tiegħu dwar id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell, u għalhekk il-kawżali tad-diskriminazzjoni u l-illegalità jistgħu jkunu mistħarrġa biss fid-dawl ta' dak kollu li ġara fl-istadju tal-appell. Din il-Qorti ma tista' għalhekk issib xejn ħażin jew irraġonevoli fir-raġunament tal-Ewwel Qorti, li sabiex l-attur seta' jirnexxi fil-pretensjonijiet tiegħu hekk kif imressqa fir-rikors promotur, huwa ried juri li l-Bord tal-Appell aġixxa b'mod diskriminatorju kontrih, jew inkella li dak il-Bord ħa d-deċiżjoni

msemmija fl-ewwel talba tar-rikors maħluf, bi ksur tal-liġi applikabbli[40]. Bħall-Ewwel Qorti qabilha, din il-Qorti jidhrilha li l-appellant ma seħħlux juri li l-Bord tal-Appell kiser xi liġi jew xi '*policy*' u dan kemm fir-rigward tal-proċedura mħaddma minnu, kif ukoll mil-lat ta' kompożizzjoni, u l-mod ta' kif wasal għad-deċiżjoni. Wisq anqas l-appellant ma wera li dak il-Bord mexa b'xi mod diskriminatorju kontrih. Biex l-Ewwel Qorti setgħet issib li l-Bord mexa b'xi mod jew ieħor b'diskriminazzjoni kontrih, l-appellant kien mistenni li jipprova li dak il-Bord tah trattament li kien differenti minn dak li ngħata lil persuni oħra li kienu f'qagħda tixbah lil dik tiegħu[41]. L-appellant ma ressaq l-ebda prova dwar dan, anzi dak li jirriżulta mill-atti huwa li l-Bord tal-Appell mexa ma' kulħadd bl-istess mod, u dan fis-sens li ħadd mill-applikanti ma ngħata l-fakultà li jidher quddiem dak il-Bord[42];

27. Il-Qorti lanqas ma tista' taqbel mal-appellant meta qed jirraġuna li hekk kif il-Bord tal-Appell ikkonferma d-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla, mela allura dak il-Bord "*kien qiegħed awtomatikament jaġixxi b'mod diskriminatorju u illegali*". Filwaqt li l-Qorti jidhrilha li dan l-argument huwa mġebbed wisq, f'kull każ, din il-Qorti wara li fliet l-atti proċesswali ma tistax taqbel mal-appellant meta qed jgħid li huwa ressaq biżżejjed provi li juru li huwa ċċaħħad b'mod inġust u diskriminatorju minn total ta' 45

---

[40] Ara l-aħħar paragrafu f'paġna 13 tas-sentenza appellata, u l-ewwel żewġ paragrafi f'paġna 14 tas-sentenza appellata.
[41] Ara ***Gourmet Company Limited v. Avukat Ġenerali,*** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzonali), fis-**27 ta' Ġunju, 2006**. (Rik. 58/2005TM) (mhux appellata).
[42] Ara l-kontroeżami ta' Tony Meli, f'paġna 550 tal-proċess.

punt li huma marbuta mas-sezzjoni (2.1)(e), (2.6) u (3.5/3.5b), biex b'hekk huwa kellu jġib b'kollox 220 punt u jikkwalifika għas-sussidju. Għalkemm huwa tassew minnu li l-Ewwel Qorti, *obiter* tat x'jifhem illi dehrilha li l-appellant kien inġustament imċaħħad minn xi punti, din il-Qorti jidhrilha li t-tali osservazzjoni m'hijiex ankrata fil-provi, u dan għal dawn ir-raġunijiet li ġejjin;

28. Fl-ewwel lok, u sa fejn għandu x'jaqsam mal-kriterju 2.1(e) li jaqra "*Applicants that have maintained and conserved the rubble walls on their holdings in good condition or that have applied for the Agri-Environment Rubble wall measure*" il-Qorti rat li l-appellant ma ressaq l-ebda prova konkreta li huwa kien tassew mantna jew ikkonserva il-ħitan tas-sejjieħ fir-raba' tiegħu jew inkella li kien applika għall-iskema hekk imsejħa ta' 'EAGGF'. Dwar l-iskema tar-restawr tal-ħitan tas-sejjieħ, l-appellant la ressaq xi xhud tad-Dipartiment biex jikkonferma li huwa kien tassew applika għall-iskema tar-restawr tal-ħitan tas-sejjieħ u wisq anqas ma kkonferma dan bil-ġurament tiegħu jew inkella almenu billi ressaq xi prova dokumentarja sabiex tissustanzja dak li kien qed jissottometti. Naturalment, is-sottomissjonijiet ma jgħoddux bħala prova u għalhekk kien kollu ta' xejn it-tħambiq tiegħu li minn riċerka fis-sistema tad-dipartiment kellu jirriżulta li huwa applika għall-iskema hekk imsejħa ta' EAGGF[43]. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mal-prova tal-fatt tal-

[43] Ara n-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur, f'paġna 697 tal-proċess.

manteniment u l-konservazzjoni tal-ħitan tas-sejjieħ, il-Qorti rat li għajr għal dikjarazzjoni ġenerali fl-affidavit tiegħu li tgħid: "*jiena wieħed mill-ftit li żammejt il-ħitan tas-sejjieħ fl-istat pristinu tagħhom*"[44], l-appellant naqas milli jressaq xi prova oħra sabiex isostni dak li qal bħal pereżempju b'xi ritratti tal-ħitan tas-sejjieħ li hemm fir-raba' tiegħu. Agħar minn hekk, jidher ukoll li fl-applikazzjoni għas-sussidju, l-appellant ma ressaq l-ebda stqarrija dwar il-fatt li huwa kien mantna jew ikkonserva l-ħitan tas-sejjieħ, kif qed jgħid issa. Għalkemm huwa minnu li fl-affidavit tiegħu l-appellant qal li l-kwestjonarju tal-applikazzjoni ma kinitx tistaqsi dwar ħitan tas-sejjieħ[45], l-appellant però wera biċ-ċar li huwa kien konxju sa mill-bidu nett ta' dan il-kriterju tal-evalwazzjoni u għalhekk seta' faċilment iressaq dikjarazzjoni f'dan is-sens fl-applikazzjoni bħala parti mill-informazzjoni addizzjonali. F'kull każ, għandu wkoll jiġi osservat li minkejja li huwa minnu li l-applikazzjoni ma kinitx tistaqsi direttament dwar il-ħitan tas-sejjieħ, ma jistax jiġi però mwarrab il-fatt li l-kriterju 2.1(e) tal-grada tal-evalwazzjoni kien jaqa' taħt ir-ras imsemmija bħala "*Environmental Protective Investments*"[46] u fil-kwestjonarju tal-applikazzjoni kien hemm spazju fejn l-applikant seta' jniżżel l-"*Environmental Improvements*". Għalkemm l-appellant seta' faċilment isemmi l-ħitan tas-sejjieħ f'din it-taqsima, l-appellant però naqas għal kollox milli jagħmel hekk[47]. F'kull każ, jekk l-appellant kellu xi diffikultà fil-mili tal-applikazzjoni għas-

[44] Ara l-affidavit tal-appellant, 'Dokument A', f'paġna 68 tal-proċess.
[45] *Ibid*.
[46] Ara l-grada tal-evalwazzjoni f'paġna 256 tal-proċess.
[47] Ara 'Dokument B', f'paġna 24 tal-proċess.

sussidju, huwa seta' faċilment jikkuntattja lid-Dipartiment, ħaġa li *ex admissis* m'għamilx[48]. Għalkemm huwa minnu li, waqt il-kontroeżami li sarlu, l-appellant stqarr li ma kienx hemm mod ta' kif seta' jikkomunika man-nies tad-Dipartiment u li huwa ma kitibx ittra jew bagħat *faxes* jew ittri elettroniċi għaliex deherlu li fil-linji-gwida "*kien hemm indikat li ma stajniex nikkomunikaw mad-Dipartiment*"[49], il-Qorti rat li dan ma kienx il-każ, u bil-kuntrarju ta' dak li qal, f'taqsima 11.3 tal-linji-gwida tal-iskema li applika għaliha l-appellant kien hemm imniżżel b'mod ċar li: "*[q]uestions may be sent by post, e-mail or by fax no later than 15 days before the deadline for the receipt of proposals to the address listed below, indicating clearly the reference of the Call for Proposals*"[50]. Barra minn hekk, fl-istess parti kien hemm ukoll imniżżel in-numru tat-telefon tad-Dipartiment;

29. Sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam mal-kriterju 2.6 imsemmi bħala "*Vertical Integration of Production*", il-Qorti rat li fl-ittra tal-appell tiegħu tal-21 ta' Lulju, 2006, l-appellant ma ressaq l-ebda lment dwar it-tnaqqis tal-punti dwar dak il-kriterju[51]. Bilkemm hemm għalfejn jingħad li jekk l-appellant ma ressaqx aggravju dwar dan il-kriterju, il-Bord tal-Appell ma seta' qatt ikun mistenni li jirrevedi l-applikazzjoni tiegħu f'dan ir-rigward.

[48] Ara l-kontroeżami tal-appellant f'paġna 488 tal-proċess.
[49] *Ibid.*
[50] Ara l-linji gwida għall-applikanti, 'Dok A', f'paġna 14 tal-proċess.
[51] Ara l-ittra tal-appell, 'Dok D', f'paġni 36 u 37 tal-proċess.

Żgur li għalhekk ma jista' jkun hemm xejn illegali jew diskriminatorju fid-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell, sa fejn għandu x'jaqsam dan il-kriterju;

30. Dwar il-kriterju 3.5/3.5(b) u sewwasew dak imsejjaħ bħala "*Maintaining or Increasing Employment*", il-Qorti rat li r-raġuni ewlenija għalfejn il-Bord tal-Appell deherlu li għandu jikkonferma d-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla kienet sewwasew għaliex it-'Tabella A' tal-Pjan tax-Xogħol f'paġna 19 tal-applikazzjoni għas-sussidju ma kinitx kompluta mill-appellant. Il-Qorti ma jidhrilhiex li l-appellant irnexxielu jirribatti din il-kostatazzjoni tal-Bord tal-Appelli: għall-kuntrarju, il-verżjoni tal-Bord ġiet imsaħħa mix-xhieda tal-konvenuti[52];

31. Filwaqt li dan huwa biżżejjed biex ma jintlaqax it-tielet aggravju, sabiex ikun ingħad kollox, tajjeb li wieħed josserva li kemm fis-sottomissjonijiet finali li ressaq quddiem l-Ewwel Qorti kif ukoll fir-rikors tal-appell tiegħu mis-sentenza appellata, l-appellant baqa' fommu sieket għal kollox dwar id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell fir-rigward tal-kriterji bin-numru 2.8, 2.9(c) u 2.1(d), imsemmija bħala: "*Applicant is a member of a recognised Producers Association*", "*Investments reducing the use of pesticides/fertilizers/medicinals*", u "*Energy Saving and waste reducing investments*", rispettivament, u dan minkejja li fl-ittra tal-appell li ressaq quddiem il-Bord, huwa kien ukoll ilmenta min-nuqqas tal-għoti ta' punti

[52] Ara b'eżempju l-affidavit ta' Donald Aquilina, 'Dok DZR2', f'paġna 450 tal-proċess.

dwar dawk il-kriteriji[53]. La l-appellant ma semma xejn dwar dawn, sinjal li bidel fehemtu u deherlu li d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell fir-rigward kienet mistħoqqa, u għaldaqstant, tħares minn fejn tħares ma jistax jingħad li d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell hija b'xi mod jew ieħor irraġonevoli, illegali jew diskriminatorja kontra l-appellant. It-tielet aggravju qiegħed għalhekk jiġi miċħud;

32. Fir-**raba' aggravju tal-appell ewlieni** qed jitressaq imbagħad l-argument li fid-dawl ta' dak kollu sottomess, l-Ewwel Qorti kellha ssib favurih u tiddikjara li l-"*egħmil amministrattiv*" huwa null, invalidu jew mingħajr effett fuq il-bażi tas-sub-inċiż (ii), (iii) u (iv) tal-inċiż (b) tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. B'żieda ma' dan, l-appellant jargumenta li l-Ewwel Qorti kien messha wkoll li kkundannat lill-appellati sabiex iħallsu l-ispejjeż kollha għajr dawk tal-Avukat Ġenerali li nħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju talli tħarrek għalxejn ;

33. Billi dan l-aggravju huwa konsegwenzjali għall-aggravji ta' qablu, lanqas dan l-aggravju ma jista' jintlaqa' bħala mistħoqq. F'kull każ, jerġa' jiġi mfakkar li dak li l-appellant talab li jiġi mħassar ma kienx il-proċess sħiħ tal-evalwazzjoni tal-applikazzjoni tiegħu jew id-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla, iżda speċifikatament id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-4 ta' Awwissu, 2006. Naturalment, la din il-Qorti ser tkun qed tikkonferma s-

[53] Ara l-ittra tal-appell, 'Dok D', f'paġni 36 u 37 tal-proċess.

sentenza tal-Ewwel Qorti sa fejn għandha x'taqsam maċ-ċaħda tat-talbiet tal-attur, ma jifdal l-ebda raġuni siewja għalfejn din il-Qorti għandha tikkundanna lill-appellati sabiex iħallsu l-ispejjeż kollha;

34. L-appell ewlieni tal-attur Mark Cassar qiegħed għalhekk ikun miċħud għal kollox;

35. Jifdal issa l-**appell inċidentali** li fih qed jitressqu **żewġ aggravji**, wieħed mid-digriet tas-26 ta' Frar 2014, u l-ieħor mis-sentenza appellata u speċifikatament dwar il-kap tal-ispejjeż;

36. Billi d-deċiżjoni tal-Qorti dwar l-**appell mid-digriet tas-26 ta' Frar 2014**, jista' jkollha implikazzjonijiet fuq l-aggravju dwar il-kap tal-ispejjeż, il-Qorti ser tibda billi tqis l-appell minn dak id-digriet li bih l-ewwel Qorti ħatret lill-espert tekniku fil-kalligrafija. F'dan ir-rigward, l-imħarrkin, għajr għall-Avukat Ġenerali, qegħdin jilmentaw li l-Ewwel Qorti ma kienx messha laqgħet it-talbiet tal-attur hekk kif imresqa fir-rikors tal-31 ta' Jannar, 2014[54], u dan għaliex kull konklużjoni li seta' jasal għaliha l-espert tal-kitba ma seta' jkollha l-ebda effett fuq it-talbiet tiegħu. Jissottomettu li, fl-aħħar mill-aħħar, dan għarfitu l-Ewwel Qorti stess meta, fis-sentenza appellata, osservat li b'din il-kawża l-attur ma kienx qed jitlob lill-Qorti biex tistħarreġ l-aġir tal-uffiċjali mqabbda biex iwettqu l-evalwazzjoni tal-

[54] Ara r-rikors tal-attur tal-31 ta' Jannar, 2014, f'paġni 540 sa 542 tal-proċess.

applikazzjonijiet, u li t-talba tal-attur kienet limitata għat-tħassir tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell u ma kinitx testendi għat-tħassir tal-proċess tal-evalwazzjoni. Skont l-imħarrkin dan kollu wera kemm il-ħatra tal-espert tal-kitba saret għal xejn b'xejn u kemm ir-rikors tal-attur tal-31 ta' Jannar, 2014 ma kellux jintlaqa';

37. Qabel ma tibda tqis il-mertu ta' dawn l-argumenti, jixraq li qabel xejn il-Qorti tistħarreġ il-preġudizzjali ta' sura proċedurali li tqajmet mill-attur fit-tweġiba għall-appell inċidentali u dan fis-sens li qed jiġi argumentat li ġaladarba l-imħarrkin mhumiex qed jappellaw mid-deċiżjoni fil-mertu tas-sentenza appellata, l-appell mid-digriet tas-26 ta' Frar 2014, tressaq għal xejn b'xejn għaliex ma jista' jkollu l-ebda effett fuq id-deċiżjoni finali meħuda mill-Ewwel Qorti dwar it-talbiet tiegħu. Mingħajr ma hemm għalfejn jingħad ħafna, il-Qorti ma jidhrilhiex li dan l-argument għandu mis-sewwa u dan għaliex, fl-aħħar mill-aħħar, l-imħarrkin appellaw mill-kap tal-ispejjeż kif deċiż fis-sentenza appellata, u jekk din il-Qorti ser tkun qed tasal għall-fehma li l-Ewwel Qorti kellha tabilħaqq tiċħad it-talba għall-ħatra tal-espert kalligrafu, mela allura, u minn tal-inqas, l-ispejjeż marbuta mal-ħatra ta' dak l-espert tekniku jkollhom jintrefgħu kollha mill-attur li talab dik il-ħatra. Minbarra dan, din hija l-ewwel opportunità biex l-imħarrkin jopponu għall-ilqugħ tat-talba għall-ħatra ta' perit ġudizzjarju għaliex il-liġi nnifisha[55] tgħid b'mod ċar li appell

[55] Art. 229(1)(ġ) tal-Kap 12

ta' oppożizzjoni għal digriet bħal dak jista' jsir biss mal-għoti tas-sentenza definittiva;

38. Issa li ġie ċċarat dan, il-Qorti tqis li l-appellati għandhom raġun jgħidu li l-Ewwel Qorti ma kienx messha laqgħet ir-rikors tal-attur tal-31 ta' Jannar, 2014, għall-ħatra ta' espert tekniku fil-kalligrafija sabiex iwettaq eżami tal-kitba li ntużat fl-applikazzjonijiet ta' Salvu Pace, Godwin Cauchi, Joseph Portelli u Alfred Schembri, kif ukoll tal-gradi ta' evalwazzjoni ('*evaluation grids*'), u dan bil-għan li jkun determinat jekk il-kitba wżata f'dawk id-dokumenti kollha hijiex tal-istess persuna. L-Artikolu 560 (1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa ċar u fih insibu li "*Il-qorti għandha tiċħad li tinġieb kull prova li jidhrilha li mhix relevanti jew li hija żejda, jew li jidhrilha li mhix l-aħjar prova li parti tista' ġġib*". Għalkemm huwa minnu li, fit-twettiq ta' dan l-eżerċizzju, il-qrati tal-ewwel grad igawdu minn diskrezzjoni wiesa' dwar xi provi jistgħu jħallu li jitressqu fl-atti proċesswali, kif ukoll fir-rigward tal-ħatra ta' esperti tekniċi u l-ħatra mogħti lilhom, dik id-diskrezzjoni la hija bla limiti u wisq inqas insindakabbli. Daqskemm li fis-sentenza tiegħu l-ġudikant għandu jimxi strettament mat-termini tal-kawżali u t-talbiet finali hekk kif miġjuba fir-rikors maħluf, daqstant ieħor il-ġudikant huwa mistenni li joqgħod attent li kull prova li titressaq fl-atti, speċjalment dik bil-mezz tal-ħatra ta' espert tekniku, tkun ta' rilevanza għall-kawżali u t-talbiet hekk kif imniżżla fir-rikors maħluf jew għall-eċċezzjonijiet imqajma. Kif ġie osservat tajjeb

mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, fit-talba finali tar-rikors maħluf, l-attur talab biss it-tħassir tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-4 ta' Awwissu, 2006, u mhux l-annullament tal-proċess kollu tal-evalwazzjoni jew inkella t-tħassir tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Għażla hekk kif mgħarrfa lilu b'ittra tal-10 ta' Lulju, 2006. Daqskemm dan kien ċar għall-Ewwel Qorti hekk kif kienet qed tikteb is-sentenza appellata, daqstant ieħor dan kellu jkun ċar għall-istess Qorti meta kienet qed tiddeċiedi r-rikors tal-attur tal-31 ta' Jannar, 2014, li bih intalbet il-ħatra tal-espert tekniku fil-kalligrafija. L-inkarigu li l-attur talab li jingħata lill-perit tekniku[56] (u li eventwalment ingħata mill-Ewwel Qorti) ma kellu x'jaqsam xejn ma' dak li seta' ġara fl-istadju ta' reviżjoni mill-Bord tal-Appell, iżda kellu x'jaqsam biss mal-proċess tal-evalwazzjoni oriġinali tal-applikazzjonijiet. L-imħarrkin għandhom għalhekk tassew raġun li jħossuhom aggravati bid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti kif mogħtija bid-digriet tas-26 ta' Frar 2014, u li fuq kollox lanqas m'hija motivata[57];

39. L-ewwel aggravju qiegħed għalhekk jintlaqa' u għal dan il-għan il-Qorti ser tkun qiegħda tilqa' wkoll it-talba tal-imħarrkin għat-tneħħija mill-atti proċesswali tar-rapport tal-espert tekniku Joseph Mallia f'paġni 559 sa 598 tal-proċess, it-traskrizzjoni tax-xhieda in eskussjoni tal-istess espert tekniku f'paġni 605 sa 607 tal-proċess, kif ukoll it-tweġibiet bil-miktub tal-istess espert f'paġni 623 sa 631 tal-proċess;

[56] Ara t-talbiet tal-attur fir-rikors tal-31 ta' Jannar, 2014, f'paġna 542 tal-proċess.
[57] Ara d-digriet tal-Ewwel Qorti tas-26 ta' Frar 2014, f'paġna 553 tal-proċess.

40. Bħala parentesi, u *obiter*, il-Qorti però tħossha fid-dmir li tagħmilha ċara, li imbilli ser tkun qed tordna t-tneħħija tar-rapport tal-espert tekniku mill-proċess, b'daqshekk l-imħarrkin m'għandhomx jaħsbu jew jippretendu li dawk il-konklużjonijiet ma jiswew għal xejn daqs li kieku qatt ma ġew għall-għarfien tagħhom. Tajjeb jew ħażin, l-imħarrkin issa jafu li x'aktarx wieħed mill-uffiċjali li kien fdat bl-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet, kien direttament imdaħħal fil-mili ta' ċertu applikazzjonijiet. Il-Qorti għalhekk tistieden lill-imħarrkin biex f'ġieħ is-sewwa jinvestigaw dak li seta' ġara u li jekk għadhom ma għamlu xejn, jimxu mal-manwal tal-proċeduri sa fejn għandu x'jaqsam mal-irregolaritajiet[58];

41. Jifdal issa **<u>t-tieni aggravju tal-appell inċidentali</u>** li huwa dwar il-kap tal-ispejjeż. F'dan l-aggravju l-imħarrkin qegħdin jargumentaw li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tiddeċiedi li għandhom iħallsu nofs l-ispejjeż tal-kawża, speċjalment dawk marbuta mal-ħatra tal-espert tal-kitba li saret fuq talba tal-attur u li huma opponew għaliha. Filwaqt li jfakkru li l-attur kien it-tellief fil-kawża billi t-talbiet tiegħu ġew ilkoll miċħuda, iżidu li l-Ewwel Qorti lanqas ma kellha xi raġuni tajba għalfejn kellha tiddeċiedi li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha;

[58] Ara l-manwal tal-proċeduri, taħt it-taqsima *"3.7. Irregularities",* f'paġna 224 tal-proċess.

42. Filwaqt li l-Qorti tagħraf li l-qorti tal-ewwel grad tgawdi minn diskrezzjoni wiesa' fid-deċiżjoni dwar il-kap tal-ispejjeż, u dan speċjalment fejn għandha x'taqsam id-deċiżjoni dwar il-qsim tal-ispejjeż bi tħaddim tal-Artikolu 223(3) tal-Kap. 12, il-Qorti tqis li fiċ-ċirkustanzi, anke dan l-aggravju huwa mistħoqq. Kif ġie osservat aktar kmieni, il-Qorti jidhrilha li f'dan il-każ, l-attur ma rnexxilux jipprova li huwa kien tabilħaqq jistħoqqlu li jilħaq il-minimu ta' mitejn punt sabiex il-proġett tiegħu jikkwalifika għas-sussidju, u fl-aħħar mill-aħħar l-appellant ma ngħata raġun fl-ebda waħda mill-kawżali li fuqhom huwa sejjes din il-kawża. Huwa wkoll rilevanti li jingħad li l-imħarrkin ma ressqu l-ebda eċċezzjoni li l-Ewwel Qorti ma laqgħethiex u li għalhekk, meta jintiżen dan kollu flimkien ma' x'kienu il-binarji ta' din il-kawża u kemm l-attur dewwem il-kawża billi ressaq provi li ma kellhom x'jaqsmu xejn mat-talba finali tiegħu[59], u d-deċiżjoni ta' din il-Qorti dwar l-appell mid-digriet tas-26 ta' Frar 2014, il-Qorti jidhrilha li anke dan l-aggravju huwa mistħoqq. Minħabba f'hekk, il-Qorti ser tkun qed tirrevedi s-sentenza appellata sa fejn għandu x'jaqsam mal-kap tal-ispejjeż;

43. Jiġi b'hekk li l-appell inċidentali huwa mistħoqq u ser ikun qiegħed ikun <u>milqugħ</u>;

---

[59] Filwaqt li din il-kawża nbdiet fit-8 ta' Jannar 2007, l-attur iddikjara li għalaq il-provi b'nota datata 2 ta' Lulju 2013, f'paġna 415 tal-proċess, filwaqt li l-imħarrkin għalqu l-provi fil-11 ta' Diċembru 2013, u dan minn kif jidher mill-verbal tal-Assistent Ġudizzjarju Dr. Josette Grech, f'paġna 539 tal-proċess. Wara dan kollu, fil-31 ta' Jannar, 2014, l-attur ressaq rikors għall-ħatra ta' espert tekniku fil-kalligrafija u li dwaru ngħata d-digriet li sar appell minnu fl-ewwel aggravju tal-appell inċidentali.

***Deċide:***

44. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad għal kollox l-appell ewlieni** tal-attur Mark Cassar, billi mhux mistħoqq fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-appell inċidentali** u b'hekk qiegħda **<u>tħassar</u>** għal kollox id-digriet tas-26 ta' Frar, 2014[60] billi tiċħad ir-rikors tal-attur tal-31 ta' Jannar 2014,[61] u **<u>tirriforma</u>** is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-4 ta' Ottubru, 2018, fil-kawża fl-ismijiet premessi, u dan billi:

(i) tħassarha fejn iddeċidiet li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu nofs bin-nofs bejn l-attur u l-imħarrkin, għajr għall-ispejjeż li għandhom jitħallsu lill-Avukat Ġenerali li dwarhom ma sar l-ebda appell;

(ii) tikkundanna u tordna lill-appellant Mark Cassar sabiex iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża; u

Għall-bqija, tikkonferma s-sentenza appellata sa fejn kompatibbli ma' din is-sentenza.

[60] F'paġna 553 tal-proċess.
[61] F'paġni 540 sa 542 tal-proċess.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li ngħataw għall-ewwel aggravju tal-appell inċidentali, il-Qorti tordna lir-Reġistratur sabiex ineħħi mill-atti proċesswali d-dokumenti u t-traskrizzjoni tax-xhieda msemmija f'paragrafu 39 ta' din is-sentenza;

**L-ispejjeż kollha** li għandhom x'jaqsmu mal-appell ewlieni kif ukoll l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-appell inċidentali għandhom jitħallsu kollha mill-attur appellant Mark Cassar.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr